# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 32**

**Rikors numru 930/12/3 SM**

**J.F. Security & Consultancy Services Limited (C 13768)**

**v.**

**C & F Building Contractors Limited (C 15308) u skont id-digriet datat is-27 ta' Novembru, 2012, ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta` The General Soft Drinks Company Limited (C 1591)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressqet is-soċjeta` attriċi fis-17 ta' Settembru, 2012 u li jaqra hekk:

> "1. Illi s-soċjeta` rikorrenti ipprestat numru ta' *security services* u servizzi relatati lis-soċjeta` intimata, b'inkarigu tal-istess soċjeta` intimata, u għal dawn is-servizzi, is-soċjeta` intimata għandha tħallas lis-soċjeta` rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf tlett mija sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€14,346.86c).

2. Illi minkejja diversi talbiet mis-soċjeta` rikorrenti lis-soċjeta` intimata sabiex tħallas din is-somma, is-soċjeta` intimata baqgħet inadempjenti u ma ħallset xejn minn din is-somma hawn reklamata.

3. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

4. Illi fil-fehma tas-soċjeta` rikorrenti, is-soċjeta` intimata m'għandha ebda eċċezzjonijiet x'tagħti dwar it-talba tas-soċjeta` rikorrenti, u għalhekk qed jintalab li din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, u għalhekk bil-proċedura sommarja speċjali.

Tgħid għalhekk is-soċjeta` intimata għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tgħaddi biex tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ skont kif maħsub fl-artikolu 167 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjeta` rikorrenti ipprestat numru ta' *security services* u servizzi relatati lis-soċjeta` intimata, b'inkarigu tal-istess soċjeta` intimata, u għal dawn is-servizzi, is-soċjeta` intimata għandha tħallas lis-soċjeta` rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf tlett mija sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€14,346.86ċ).

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex tħallas lis-soċjeta` rikorrenti din is-somma ta' erbatax-il elf tlett mija sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€14,346.86ċ).

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena kontra s-soċjeta` intimata, li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta li in forza tagħha eċċepiet illi:

"1. Preliminarjament illi s-soċjeta` eċċipjenti m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta` rikorrenti fuq il-kwistjoni li dwarha saret il-kawża billi l-ftehim li ġie msemmi sar fir-rikors promotur, qatt ma sar bejnha u bejn is-soċjeta` eċċipjenti iżda bejnha u bejn is-soċjeta` General Soft Drinks Limited u għalhekk is-soċjeta` eċċipjenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan kien ġie fil-fatt ikkonfermat quddiem din l-Onorabbli Qorti kif preseduta mir-rappreżentant tas-soċjeta` rikorrenti fl-ewwel dereha meta stqarr illi l-ftehim li kien sar dwar Security Services reżi mis-soċjeta` rikorrenti u li għalihom din ta' l-aħħar qiegħed jitlob ħlas mingħand is-soċjeta` eċċipjenti kien sar mas-soċjeta` General Soft Drinks Limited bħala proprjetarja tal-fabbrika fejn ingħataw dawn is-servizzi, u magħha biss.

2. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni u in via preliminari wkoll il-proċedura bil-giljottina lis-soċjeta` rikorrenti għażlet li timxi biha hija manifestament abbużiva u qatt ma kellha ssir stante illi l-istess soċjeta` kienet taf ben tajjeb ferm qabel ma ġiet intavolata din il-kawża illi s-soċjeta` esponenti qatt ma kienet daħlet fi ftehim magħha iżda l-uniku ftehim li qatt sar dwar Security Services fil-fabbrika de quo kien sar biss bejnha u bejn is-soċjeta` General Soft Drinks Limited u l-għażla tagħha li tipproċedi kif ipproċediet b'kawża giljottina hija abbuż ta' dan it-tip ta' kawża u għandha ġġib fuqha d-disprezz tal-Qorti.

3. La darba l-fatti huma li huma l-ebda ammont m'hu dovut lis-soċjeta` rikorrenti minn dik intimata u għalhekk għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija d-domandi attriċi huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda kontra tagħha.

4. Salv kull eċċezzjoni ulterjuri".

3. Rat illi b'digriet tas-27 ta' Novembru, 2012, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ordnat il-kjamat fil-kawża tas-soċjeta` General Soft Drinks Co. Ltd.

4. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` kjamata fil-kawża li in forza tagħha eċċepiet illi:

"1. Illi s-soċjeta` kjamata in kawża m'hijiex il-leġittimu kontradittur tas-soċjeta` attriċi stante illi l-ammonti illi kienu dovuti mis-soċjeta` kjamata in kawża lis-soċjeta` attriċi ilhom illi ġew saldati u l-ammont pretiż hu interament dovut mis-soċjeta` "C & F Building Contractors Limited." Illi kienet obbligat ruħha illi tħallas nofs l-ispejjeż tas-sigurta` fuq il-lant tax-xogħol tal-appalt illi hija kienet qiegħda twettaq għal-favur tas-soċjeta` kjamata fil-kawża.

2. Salv eċċezzjonijiet oħra".

5. Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Ottubru, 2016, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti:

"37.1. Tilqa` l-ewwel risposta preliminari tas-socjeta` intimata C & F Building Contractors Limited u konsegwentement tillibera lill-istess socjeta` intimata mill-osservanza tal-gudizzju;

37.2. Tirrespingi l-ewwel risposta preliminari tas-socjeta` kjamata in kawza The General Soft Drinks Company Limited;

37.3. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti J.F. Security & Consultancy Services Limited fil-konfront tas-socjeta` kjamata in kawza indikata fil-paragrafu precedenti, u konsegwentement:

37.3.1. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti pprestat servizzi ta' sigurta` u servizzi relatati lis-socjeta` kjamata in kawza fuq inkarigu tal-istess socjeta` kjamata in kawza;

37.3.2. Tiddikjara li ghal dawn is-servizzi s-socjeta` kjamata in kawza ghandha thallas is-somma t'erbatax- il elf, tlett mija sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu, (€14,346.86), lis-socjeta` rikorrenti;

37.3.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija, (8%), fis-sena, kontra s-socjeta` kjamata in kawza The General Soft Drinks Company Limited, u dan, mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur in dizamina senjatament iz-17 ta' Settembru, 2012."

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"11.0. Illi l-kawza odjerna sintetikament tikkonsisti fis-segwenti:

11.1. Illi s-socjeta` rikorrenti qed titlob l-ammont minnha indikat fir-rikors guramentat promotur, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta punt tlieta, (1.6.3.), aktar qabel), mis-socjeta` intimata, u dan, ghal servizzi ta' sigurta` minnha lilha pprestat;

11.2. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata wiegbet sintetikament bil-mod segwenti:

11.2.1. Illi m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti;

11.2.2. Illi r-relazzjoni li hi kellha kienet mas-socjeta` kjamata in kawza;

11.2.3. Illi ghalhekk m'ghandha taghti l-ebda ammont is-socjeta` rikorrenti;

11.3. Illi s-socjeta` kjamata in kawza tissottolinea sintetikament is-segwenti:

11.3.1. Illi mhiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

11.3.2. Illi hi gia` saldat kwalunkwe ammont li kien minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti ghas-servizzi lilha minnha rezi;

11.3.3. Illi ghalhekk l-ammont rikjamat mis-socjeta` rikorrenti hu interament dovut mis-socjeta` intimata *C & F Contractors Limited stante* li kienet obbligat ruhha li thallas nofs l-ispejjez tas-sigurta` fuq il-lant fejn kien qed isir ix-xoghol in dizamina;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi wara ezami akkurat tax-xhieda, dikjarazzjonijiet guramentati u tad-dokumenti esebit, jigi sottolineat li z-zewg socjetajiet intimati:

12.1. La jikkontestaw il-veradicita` tal-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li hi pprestat is-servizzi ta' sigurta` fuq il-lant tax-xoghol in dizamina;

12.2. Lanqas jikkontestaw l-ammont mitlub ghall-istess servizz moghti mis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi mill-analisi tal-fatti esposti in atti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi s-socjeta` intimata C & F Building Contractors Limited kienet giet inkarigata mis-socjeta` kjamata in kawza. The General Soft Drinks Limited biex tibni fabbrika gdida fil-Marsa ghal din is-socjeta`;

13.2. Illi s-servizzi ta' sigurta` pprovduti mis-socjeta` rikorrenti kienu effettivament ipprovduti f'dan is-sit li s-socjeta` kjamata in kawza kienet qed tibni fil-Marsa;

13.3. Illi allura, filwaqt li s-socjeta` intimata C & F Building Contractors Limited kienet impenjata fix-xoghol ta' kostruzzjoni tas-sit in dizamina, u filwaqt li s-socjeta` rikorrenti J.F. Security & Consultancy Services Limited kienet impenjata fuq xoghol ta' sigurta` fuq l-istess sit, jirrizulta li kien hemm ukoll is-socjeta` Titan International Limited involuta fl-istess

kostruzzjoni, (ara foll 42, 47, 53, 61, 79, 80, 91, 106 u 120), liema socjeta` tifforma“....parti minn grupp ta’ The General Soft Drinks Company Limited”, (ara foll 80);

Ikkunsidrat:

14. Illi s-socjeta` intimata C & F Building Contractors Limited issostni li kellha timpjega zewg (2) persuni bhala *security* fuq is-sit tal-kostruzzjoni in kwistjoni, u dan, skont il-kuntratt li hi kellha mas-socjeta` kjamata in kawza, (ara foll 91);

15. Illi s-socjeta` kjamata in kawza ssostni li dawn l-ufficjali tas-sigurta` kienu impjegati biex jipprotegu l-makkinarju, (ara foll 105);

16. Illi hekk kif beda javvanza x-xoghol fis-sit in dizamina u bdew jiddahhlu aktar makkinarju, ix-xoghol tas-servizz tas-sigurta` sar aktar intensiv, (ara foll 105);

17. Illi kif isosstni l-*general manager* tas-socjeta` Titan International Limited –liema socjeta` tifforma parti mill-grupp ta’ kumpaniji appartenenti lis-socjeta` kjamata in kawza, (ara foll 80):

“Il-klijent taghna, The General Soft Drinks Company Limited, kienet avvicinatna biex nesploraw il-possibilita` u naraw jekk setax ikun hemm sigurta` moghtija minn kumpanija wahda”;

18. Illi sussegwentement dan l-inkarigu inghata lis-socjeta` rikorrenti;

19.0. Illi jirrizulta li s-socjeta` kjamata in kawza fuq indikata tat struzzjonijiet lis-socjeta` rikorrenti biex l-ammonti minnha lilha dovuti ghas-servizzi pprestati jinqasmu fi tlett (3) fatturi, senjatament: (ara foll 44);

19.1. 25% ikun fil-konfront tas-socjeta` The General Soft Drinks Limited;

19.2. 25% ikun fil-konfront tas-socjeta` Titan International Limited; u

19.3. 50% ikun fil-konfront tas-socjeta` C & F Building Contractors Limited;

20. Illi dawn l-istruzzjonijiet rigwardanti l-approzjonament tal-ammonti dovuti mis-socjetajiet indikati fil-paragrafu precedenti hu wkoll ikkonfermat fid-deposizzjoni guramentata tad-direttur tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 87);

21. Illi konsegwenza tal-istess jirrizulta assodat mill-provi prodotti illi anke s-socjeta` Titan International Limited espremiet il-kunsens taghha mal-apporzjonament indikat mis-socjeta` kjamata in kawza, (ara paragrafu dsatax, (19.), aktar qabel, u foll 44), fejn b'hekk jirrizulta li l-pagamenti involuti ghas-servizzi moghtija mis-socjeta` rikorrenti kellhom jirriflettu l-involviment tat-tlett (3) socjetajiet imsemmija li kellhom jaghmlu tajjeb ghall-istess;

Ikkunsidrat:

22. Illi *nonostante* s-suespost, ghandu jigi immedjatament rilevat li ma jirrizulta li ma kien hemm l-ebda ftehim li ghalih s-socjeta` intimata C & F Building Contractors Limited kienet partecipi fih biex il-pagamenti ghas-servizzi ta' sigurta` ezercitat mis-socjeta` rikorrenti fuq is-sit in dizamina kellhom jaghmlu tajjeb ghalih it-tlett (3) socjetajiet indikati fil-kwoti indikati aktar qabel;

23. Illi ghalhekk l-apporzjonament fuq indikat tirrizulta li kienet decizjoni unilaterali tas-socjeta` kjamata in kawza The General Soft Drinks Company Limited li maghha kien hemm traxxinata is-socjeta` intimata C & F Building Contractors Limited;

24. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghad-deposizzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti fejn qal:

> "Nikkonferma illi l-kuntratt illi s-socjeta` li jien qed nirrapprezenta, senjatament dik rikorrenti J.F. Security & Consultancy Services Limited, ghamlitu direttament mal-General Soft Drinks Company Limited";

Ikkunsidrat:

25. Illi tenut kont tas-suespost, ghandu jkun pacifika li l-ftehim in dizamina kien biss bejn is-socjeta` rikorrenti u dik kjamata in kawza;

26. Illi rizultat tal-istess, jirrizulta li s-socjeta` Titan International Limited aderiet ghall-istess u fil-fatt halset il-porzjon lilha assenjat, (ara foll 87), bhal ma *del resto* ghamlet ukoll l-istess socjeta` kjamata in kawza, (ara wkoll foll 87);

27. Illi *nonostante* l-ftehim hekk konkluz bejn it-tlett (3) socjatajiet in dizamina, jirrizulta li kienet biss is-socjeta` intimata C & F Building Contractors Limited li m'aderitx ghalih u naqset li thallas is-sehem lilha hekk apporzjonat lis-socjeta` rikorrenti ghas-servizzi minnha rezi, (ara foll 87);

28.0. Illi pero` ghandu wkoll jigi sottolineat is-segwenti:

28.1. Illi s-socjeta` rikorrenti ma kienitx tibghat fatturi lis-socjeta` C & F Building Contractors Limited;

28.2. Illi ma jirrizulta li kien hemm l-ebda ftehim fir-rigward bejn is-socjeta` rikorrenti u dik indikata fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

29. Illi r-risoluzzjoni tal-vertenza tippernja fuq l-artiklu 1001 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti:

> "Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi";

30. Illi f'dan ir-rigward fis-sentenza taghha datata l-***10 ta' Novembru, 2004***, fl-ismijiet ***Doris Caruana vs. Lina Pisani***, il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** issosstni s-segwenti:

> "Min dan kollu jitnissel illi l-obbligi u d-drittijiet naxxenti minn kuntratt, bhal ma' hu dak tal-vendita in diskussjoni, jintercedu bejn il-kontraenti biss. Dan hu logikament argumentat mill-kontenut tal-artiklu 992 (tal-Kodici Civili), li jipprovdi li l-kuntratt hu ligi ghal dawk li jaghmluh, u l-artiklu 1001 tal-Kodici Civili, li jsostni li l-kuntratt ghandu effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss. Ghalhekk l-effetti li jsemmi l-artiklu 1001 huma l-konsegwenzi guridici li jikkostitwixxu l-kontenut tal-atti";

Ikkunsidrat:

31. Illi minn ezami tal-atti il-ftehim li jirrizulta hu wiehed naxxenti biss bejn is-socjeta` rikorrenti u dik kjamata in kawza;

32. Illi konsegwentement, in vista tad-duttrina riferita u tal-principju "*res inter alios acta*" fuq accennat, dan il-kuntratt bl-ebda mod ma jobbliga lis-socjeta` intimata C & F Building Contractors Limited *stante* li hi estranea ghall-istess;

33. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li s-socjeta` intimata C & F Building Contractors Limited mhix marbuta mill-istess ftehim fuq riferit;

34. Illi in vista tal-premess l-ftehim *de quo* ghandu effett biss bejn il-kontraenti involuti u konsegwentement, la jista` jkun ta' gid u lanqas ta' hsara ghas-socjeta` intimata C & F Building Contractors Limited;

> 35. Illi *di piu`*, ghandu wkoll ikun pacifiku li s-socjeta` kjamata in kawza The General Soft Drinks Company Limited, ma setghetx unilateralment tassenja obbligu fuq is-socjeta` intimata C & F Building Contractors Limited minghajr il-kunsens taghha kif ittentat li taghmel meta assenjat il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti fl-*email* taghha datata t-3 ta' Jannar, 2008, (ara foll 44);
>
> 36. Illi *stante* li s-socjeta` C & F Building Contractors Limited m'ghandha l-ebda obbligu kontrattwali favur is-socjeta` rikorrenti hi allura, s-socjeta` kjamata in kawza The General Soft Drinks Company Limited li hi unikament obbligata taghmel tajjeb ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;"

7. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` kjamata fil-kawża li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti:

> "…jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet fuq premessi tal-20 ta' Ottubru 2016 fil-waqt illi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta "C & F Building Contractors Ltd." għall-ħlas tal-ammont mitlub mis-soċjeta` attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra lis-soċjeta` konvenuta "C & F Building Contractors Ltd.""

8. Rat ir-risposta u l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnha premessi, tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti dwar l-appell ippreżentat mis-soċjeta` kjamata fil-kawża, u talbet li din il-Qorti:

> "jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet fuq premessi tal-20 ta' Ottubru 2016 fil-waqt illi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta 'C & F Building Contractors Ltd', għall-ħlas tal-ammont mitlub mis-soċjeta` attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra lis-soċjeta` konvenuta 'C & F Building Contractors Ltd.'"

9. Rat ir-risposta tas-soċjeta` konvenuta li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti li l-appell għandu jiġi miċħud u d-deċiżjoni appellata konfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

10. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

11. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

12. Illi din il-kawża tikkonċerna talba mis-soċjeta` attriċi għall-ħlas ta' €14,346.86 bħala bilanċ għas-servizzi ta' sigurta` li wettqet fuq sit ta' kostruzzjoni ġewwa l-Marsa, proprjeta` tas-soċjeta` kjamata fil-kawża. Il-ftehim oriġinali sar bejn is-soċjeta` attriċi u dik konvenuta, iżda meta x-xogħol ta' kostruzzjoni ttardja u s-soċjeta` kjamata fil-kawża bdiet iddaħħal il-makkinarju tagħha ġewwa l-bini lest, din l-aħħar soċjeta` wkoll qabbdet soċjeta` biex tforni servizzi ta' sigurta` mas-sit. Eventwalment, is-soċjeta` konvenuta u dik kjamata fil-kawża ftehmu li titqabbad soċjeta` waħda biex toffri servizzi ta' sigurta`, u l-għażla waqgħet fuq is-soċjeta` attriċi li żiedet l-uffiċjali tagħha għas-sigurta` mas-sit.

13. Is-soċjeta` kjamata fil-kawża bagħtet ittra fit-3 ta' Jannar, 2008 lis-soċjeta`attriċi fejn qaltilha li l-ispejjeż tas-sigurta` għandhom jinqasmu kwantu għan-nofs bejn is-soċjeta` kjamata fil-kawża u Titan International Ltd, li ngħatat appalt biex toffri servizzi ta' bini, u n-nofs l-ieħor jitħallas

mis-soċjeta` konvenuta. Din is-soċjeta` konvenuta baqgħet ma rrispondietx għal din l-ittra.

14. Is-soċjeta` attriċi baqgħet toffri s-servizz u meta l-kuntratt ġie terminat, ħarġet il-kont għas-servizzi minnha reżi. Is-soċjeta` kjamata fil-kawża u s-soċjeta` Titan ħallsu nofs is-somma u qed jippretendu li n-nofs l-ieħor jitħallas mis-soċjeta` konvenuta. Din tal-aħħar qed tirrifjuta li tħallas għax qed tgħid li l-ispiża prinċipali kienet konsegwenza ta' aġir tas-soċjeta` kjamata fil-kawża li daħħlet makkinarju fis-sit qabel ma x-xogħol kien kollu lest.

15. L-ewwel Qorti osservat li wara li s-soċjeta` kjamata fil-kawża bdiet iddaħħal il-makkinarju tagħha, il-ftehim għas-servizz ta' sigurta` sar bejnha u s-soċjeta` attriċi u li allura l-obbligi u d-drittijiet naxxenti minn dan il-kuntratt jinterċedu biss bejn il-kontraenti. L-ewwel Qorti, għalhekk, illiberat lis-soċjeta` konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju, u kkundannat lis-soċjeta` kjamata fil-kawża tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma mitluba ta' €14,346.86.

16. Is-soċjeta` kjamata fil-kawża appellat mis-sentenza bl-aggravju jkun li s-sehem li fadal irid jitħallas mis-soċjeta` konvenuta. Is-soċjeta` attriċi rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar l-appell tas-soċjeta` kjamata fil-kawża, pero`, ressqet appell inċidentali biex f'każ li l-appell

tas-soċjeta` kjamata fil-kawża jiġi milqugħ u din tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, tkun is-soċjeta` konvenuta kkundannata tħallas is-somma mitluba.

17. Din il-Qorti fliet il-provi prodotti u tara li s-soċjeta` kjamata fil-kawża għandha raġun. Kif ingħad, ix-xogħol ta' sigurta` baqa' jingħata fuq is-sit għal żmien twil peress illi s-soċjeta` konvenuta ttardjat ma tlesti x-xogħol, u allura kien hemm ħtieġa li s-servizzi ta' sigurta` jibqgħu jingħataw. Din is-soċjeta` konvenuta bbenefikat mis-servizzi ta' sigurta` flimkien mas-soċjeta` kjamata fil-kawża u s-soċjeta` l-oħra Titan International Ltd., peress li t-tlieta kellhom ħaddiema, materjal u għodda x'jistgħu jittiħdulhom jew jiġu vandalizzati. Fi stadju li s-soċjeta` attriċi żiedet l-impenji tagħha, kull kumpanija kellha interess u benefiċċju fi proporzzjonijiet differenti. Is-soċjeta` konvenuta bbenefikat bis-sħiħ, u mhux ftit mis-servizzi tas-soċjeta` attriċi, u ma għandhiex titħalla tarrikixxi ruħha indebitatament *tramite* s-soċjeta` attriċi.

18. Għalkemm is-soċjeta` konvenuta ma rrispondietx għall-ittra tas-soċjeta` kjamata fil-kawża li fiha elenkat kif kellu jiġi maqsum il-ħlas tas-servizzi reżi mis-soċjeta` attriċi, l-istess soċjeta` konvenuta aċċettat li kellha tħallas sehemha. Fil-fatt, f'*e-mail* illi Johann Farrugia tas-soċjeta` konvenuta C & F Building Contractors Ltd. bagħat lil Maria Micallef tas-soċjeta` appellanti fil-25 ta' Marzu 2008, jiġifieri erba' xhur wara li suppost

tlesta x-xogħol tal-bini oġġett tal-kuntratt ta' appalt in kwistjoni, huwa qal "*I acknowledge the fact that our company is still present there however you should also understand that your company is bottling, storing and loading its trucks from there. <u>So your operation has in fact began at this new premises. It is only reasonable and fair that since our share over there has diminished a lot, this will also be reflected in the security costs</u>.*" (Dok. SB1, fol. 63-64). Għaldaqstant, jidher ċar illi l-imsemmi Johann Farrugia ma kienx qed jikkontesta illi s-soċjeta` konvenuta kellha tħallas għas-servizzi tas-sigurta` mogħtija mis-soċjeta` attriċi imma kien qed jikkontesta l-*quantum* ta' tali ħlasijiet minħabba li sostna illi s-soċjeta` appellanti kienet diġa` bdiet topera mill-impjant in kwistjoni.

Dina l-interpretazzjoni hija kkonfermata minn *e-mail* preċedenti tal-imsemmi Johann Farrugia tal-24 ta' Marzu 2008 lil Itiana Schembri tal-istess soċjeta` konvenuta fejn qal "***We cannot except (sic) <u>anymore</u> to be liable for <u>half</u> the security expenses. GSD is already operating and making use of most of its facilities there***." Jidher ċar illi Johann Farrugia ma kienx qed jikkuntesta l-fatt illi s-soċjeta` konvenuta kellha tħallas nofs l-ispejjeż għas-servizzi tas-sigurta` mogħtija mis-soċjeta` attriċi qabel il-25 ta' Marzu 2008 imma wara dik id-data, bdiet toġġezzjona illi tibqa' tħallas għal nofs tali spejjeż. Ghalhekk, ċertament mhux il-każ illi s-soċjeta` konvenuta ma kellhiex x'taqsam mal-ispejjeż ta' dawn l-arranġamenti tas-sigurta`. Illi huwa ferm ċar mis-suespost illi s-soċjeta`

konvenuta aċċettat tħallas għal parti mill-ispejjeż tas-sigurta` sal-25 ta' Marzu 2008.

19. Il-fatt li ma riditx tħallas nofs l-ispejjeż "***anymore***" jindika li kien hemm żmien meta kienet aċċettat li tħallas nofs l-ispejjeż kif ratizzat mis-soċjeta` kjamata fil-kawża. F'*e-mail* tas-6 ta' April, 2009, l-istess soċjeta` konvenuta qablet li l-bilanċ dovut lis-soċjeta` attriċi kien ta' €14,324.52 u qalet li "*we are ready to pay this amount*", jekk is-soċjeta` kjamata fil-kawża tħallas id-dejn li kellha mas-soċjeta` Schembri & Sons Ltd. fil-grupp tas-soċjeta` konvenuta.

20. Is-soċjeta` kjamata fil-kawża u Titan International Ltd. ħallsu, bejniethom, nofs l-ispejjeż marbutin mas-servizzi tas-sigurta`, u hu ġust li n-nofs l-ieħor jitħallas mis-soċjeta` konvenuta. Din is-soċjeta` konvenuta ma tistax, wara żmien, tbiddel il-ħsieb u tiddeċiedi minn rajha li ma għandhiex tħallas nofs l-ispejjeż. Hija kienet ben konxja tal-arranġament milquħ u għandha obbligu tibqa' tonora dak l-arranġament li hi bbenifikat minnu. Is-soċjeta` konvenuta kienet tirċievi *invoices* għall-ħlas, u kif spjega rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, is-soċjeta` konvenuta "*qatt ma nfurmatna illi kienet qed tirrifjuta dawn l-invoices li kienu qed jintbaghtu*".

21. Fid-dawl tal-premess, hija l-fehma ta' din il-Qorti li ħlas mitlub mis-soċjeta` attriċi għandu jitħallas mis-soċjeta` konvenuta C & F Building Contractors Ltd.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-soċjeta` kjamata fil-kawża The General Soft Drinks Co. Ltd., u mill-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi J.F. Security & Consultancy Services Ltd., billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenża tal-ewwel Qorti u tgħaddi biex minflok tillibera lis-soċjeta` kjamata fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti (ħlief għall-ewwel talba) fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta C & F Building Contractors Ltd., bl-imgħax mitlub jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza (darba li ma ġiex mitlub ħlas minn data alternattiva).

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mis-soċjeta` konvenuta C & F Building Contractors Ltd.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm